mt



iGrill mini

# GWIDA GĦALL-UTENT

# Werrej

Kontenuti tal-Kaxxa . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 3

Struzzjonijiet għal Bidu ta' Malajr . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4

Informazzjoni importanti. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 14

Użu Maħsub. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .14

Użu tas-Sonda. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .14

Rekwiżiti tar-Rimi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .15

Speċifikazzjonijiet Tekniċi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .15

Dikjarazzjoni ta' Konformità . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 16

# Kontenuti tal-Kaxxa




iGRILL MINI

Displej tal-LED

Port tas-Sonda

Bażi (Manjetika)

Batterija CR2032

il-batterija tkun
installata minn qabel




Indikatur tas-Sonda Kkulurit






Cover
tas-Sonda



**TWISSIJA!**
Is-Sonda ssir
taħraq. Uża
ingwanti.

Sonda tat-Temperatura

Diska Manjetika
Fakultattiva

teħel ma' superfiċje mhux
manjetika għal immuntar vertikali






immuntar
vertikali fakultattiv

# Struzzjonijiet għal Bidu ta' Malajr

1




Issepara l-iGRILL MINI mill-bażi.

2



Neħħi l-bieba tal-batterija fuq in-naħa t'isfel tal-iGRILL MINI billi ddawwarha kontra l-arloġġ.

## 3




# Neħħi l-batterija billi tiġbed il-folja tal-karti.

**TWISSIJA: Rimi tal-Batteriji!**
Qatt tarmi l-batteriji f'nar mikxuf.
Dejjem armi l-batteriji skont il-liġijiet lokali.

4




Kun ċert li l-batterija tkun f'postha, bin-naħa pożittiva tħares 'il fuq, imbagħad erġa' poġġi l-bieba tal-batterija.

5




Agħlaq l-iGRILL MINI lura fil-bażi.

6




Niżżel l-Applikazzjoni WEBER iGRILL. Imbagħad, ixgħel il-Bluetooth® fuq it-tagħmir intelliġenti tiegħek taħt “Settings”.

# 7




## Ipplaggja s-sonda tat-temperatura fil-port.



**TWISSIJA: Riskju ta' Ħruq!**
Jekk tuża s-sondi tat-temperatura mingħajr protezzjoni tal-idejn dan jista' jirriżulta fi ħruq gravi. Jekk jogħġbok ilbes ingwanti protettivi kontra s-sħana l-ħin kollu waqt li tuża dan il-prodott biex tevita li tinħaraq.

8




Agħfas u erħi malajr il-buttuna tal-power biex tixgħel l-iGRILL MINI. Id-displej sejjer jaqleb bejn diversi kuluri, imbagħad iteptep blu filwaqt li jistenna li jakkoppja (pairing).

9




Iftaħ l-Applikazzjoni WEBER iGRILL fuq it-tagħmir intelliġenti tiegħek. Segwi l-istruzzjonijiet tal-akkoppjar fl-Applikazzjoni.

Int issa tista' tuża l-iGRILL MINI tiegħek.

Informazzjoni addizzjonali u ideat ispiranti għat-tisjir fuq il-barbikju jinstabu fuq weber.com/igrillsupport.

10




Biex tixgħel iGRILL MINI, agħfas il-buttuna tal-power sakemm jidher dawl abjad fuq id-displej.

# Informazzjoni Importanti

**Żur weber.com/igrillsupport biex tiskopri iktar dwar il-kompatibilità tal-apparat, il-lingwi appoġġjati mill-WEBER iGRILL App, u gwida sħiħa għall-utent b'diversi ideat ispiranti għal ikel mixwi. Jekk jogħġbok aqra l-gwida sħiħa għall-utent – speċjalment l-informazzjoni dwar is-sigurtà – qabel tuża l-WEBER iGRILL MINI għall-ewwel darba, u segwi l-istruzzjonijiet waqt li tuża t-tagħmir.**

## Użu Maħsub

Uża dan it-tagħmir biex tkejjel u timmonitorja t-temperatura tal-oġġetti mixwija. Kwalunkwe użu ieħor differenti minn dak deskritt jista' jikkawża ħsara. Il-manifattur jew il-bejjiegħ bl-imnut mhumiex responsabbli għal ħsarat li jirriżultaw minn użu ħażin. Meta tuża IGrill MINI, qatt m'għandek tħalli l-grill waħdu u għandek issegwi l-istruzzjonijiet kollha fil-gwida għas-sidien tal-grill tiegħek.

**Nota:** It-tagħmir m'għandux jintuża minn tfal jew persuni b'kapaċitajiet fiżiċi, sensorji jew mentali limitati.

**Nota:** L-iGRILL MINI u l-batterija mhumiex iddisinjati biex jissaportu sħana kbira. Jekk il-wiċċ ikun jaħraq wisq biex tmissu, ikun jaħraq wisq għall-WEBER iGRILL MINI u għall-batterija.

## L-Użu tas-Sonda tat-Temperatura

**TWISSIJA: Riskju ta' korriment!** Is-sondi tat-temperatura jaqtgħu ħafna. Jekk jogħġbok oqgħod attent meta timmaniġġja s-sondi.





**TWISSIJA: Riskju ta' Ħruq!** L-immaniġġjar tas-sonda mingħajr protezzjoni għall-idejn ser jirriżulta fi ħruq serju. L-indikaturi tas-sonda kkuluriti mhumiex maħsuba li jintmessu b'idejn mikxufa waqt li tuża l-barbikju għaliex mhumiex iżolati għas-sħana. Jekk jogħġbok ilbes ingwanti protettivi kontra s-sħana l-ħin kollu waqt li tuża dan il-prodott biex tevita li tinħaraq.

**Nota Importanti:** Meta tuża s-sonda, kun żgur li tgħaddi l-wajer minn fejn ma jkunx espost għal fjammi jew għal temperaturi li jaqbżu t-380° C. Evita li tesponi s-sonda għal temperaturi taħt -30° C. Temperaturi taħt -30° C jew aktar minn 300° C mhux ser jintwerew fl-applikazzjoni u ser iwasslu sabiex is-sonda tisparixxi mill-konnessjoni.

Naddaf is-sonda qabel tużaha għall-ewwel darba. Is-sonda m'għandhiex titqiegħed f'magni tal-ħasil tal-platti. Tużax sustanzi kimiċi jew deterġenti tal-brix biex tnaddaf is-sonda. Imsaħ is-sonda b'xugaman imxarrab jew b'wipe sanitarja. Oqgħod attent, kun ċert li ma xxarrabx il-wajers tas-sonda kif ukoll il-post fejn il-wajers jiltaqgħu mas-sonda.

Is-sonda mhijiex reżistenti għall-ilma u esponiment għall-ilma jista' jirriżulta fi ħsara. Qatt tgħaddas is-sonda fl-ilma.

# Rekwiżiti tar-Rimi

Il-prodott m'għandux jintrema mal-ikart domestiku ordinarju. L-utent hu obbligat li jieħu t-tagħmir għal punt ta' ġbir magħżul għar-rimi ta' apparat elettriku u elettroniku sabiex jiġi żgurat rimi ambjentalment kompatibbli.



**TWISSIJA: Rimi tal-Batteriji!** Qatt tarmi l-batteriji f'nar mikxuf. Dejjem armi l-batteriji skont il-liġijiet lokali.



**TWISSIJA: Tiblax il-batterija, Periklu ta' Ħruq Kimiku.** Dan il-prodott fih batterija għamla ta' munita/buttuna. Jekk il-batterija għamla ta' munita/buttuna tinbela', din tista' tikkawża ħruq intern sever fi żmien sagħtejn biss u din tista' twassal għal mewt. Żomm il-batteriji ġodda u użati 'l bogħod mit-tfal. Jekk il-kompartiment tal-batterija ma jkunx magħluq b'mod tajjeb, ieqaf uża l-prodott u żommu 'l bogħod mit-tfal. Jekk taħseb li setgħu nbelgħu xi batteriji jew li dawn tpoġġew ġewwa kwalunkwe parti tal-ġisem, fittex attenzjoni medika immedjatment.

# Speċifikazzjonijiet Tekniċi

**Medda ta' Frekwenzi (MHz):** 2402.0 - 2480.0 MHz

**Power tal-Ħruġ:** 0.56 dBm

# Dikjarazzjoni ta' Konformità

## iGRILL MINI

1. **Isem tal-Marka:** WEBER
   **Isem tal-Mudell:** iGRILL MINI
   **Numru tal-Mudell:** 7220
   **Deskrizzjoni tal-Prodott:** Termometru tal-Barbikju Mingħajr Fili bil-Bluetooth
2. **Manifattur:** Weber-Stephen Products LLC. 1415 S Roselle Road, Palatine IL, 60067, l-Istati Uniti
3. Aħna, il-kumpanija Weber-Stephen Products LLC, li tinsab 1415 S, Roselle Road, Palatine IL, 60067, l-Istati Uniti, qegħdin noħorġu din id-dikjarazzjoni ta' konformità taħt ir-responsabbiltà unika tagħna.
4. **Suġġett tad-Dikjarazzjoni:** WEBER iGRILL MINI, li fih trażmettitur, sonda tal-laħam waħda, u batterija b'ċellola b'daqs ta' munita (CR2032).
5. Is-suġġett tad-dikjarazzjoni deskritt hawn fuq huwa f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-armonizzazzjoni tal-Unjoni:

   **Id-Direttiva 2014/53/UE** dwar it-Tagħmir tar-Radju

   **Sigurtà/Saħħa**
   Id-Direttiva 2012/19/UE dwar Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (WEEE)

   Id-Direttiva 2011/65/UE dwar ir-Restrizzjoni tal-Użu ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fit-Tagħmir Elettriku u Elettroniku (RoHS 2)

   Ir-Regolament Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)

   Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Res (2013)9 dwar il-Metalli u l-Ligi Użati f'Materjali u Oġġetti li jiġu f'Kuntatt mal-Ikel
6. **Standards armonizzati:**
   **Sigurtà/Saħħa:**
   EN 62368-1:2014 / A11:2017
   EN 62479:2010; Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 1999/519/KE

   **EMC:**
   Abbozz ta' EN 301 489-17 V3.2.0
   Abbozz ta' EN 301 489-1 V2.2.0

   **Radju:**
   EN 300 328 V2.1.1
7. **Mhux Disponibbli**
8. Is-suġġett ta' din id-dikjarazzjoni jaħdem bl-użu ta' softwer u applikazzjoni kompatibbli ma' tagħmir intelliġenti li s-softwer jaqbad miegħu.
9. Iffirmata għal u f'isem Weber-Stephen Products LLC, Palatine, IL USA fis-27 ta' Awwissu 2018

Ralph N. Ten Bruin, Direttur Globali tal-Affarijiet Regolatorji

Manifattur:
**Weber-Stephen Products LLC**
1415 S. Roselle Road
Palatine, IL 60067-6266
l-Istati Uniti

Importatur:
**Weber-Stephen Products (EMEA) GmbH**
Leipziger Straße 124
10117 Berlin
Tel: (+49) 307554184-0

Kuntatti għas-Servizz tal-Klijenti:

**Weber-Stephen France SAS**
C.S. 80322 - 95617,
Cergy Pontoise Cedex, FRANCE
TÉL: (+33) 810 19 32 37
service.consommateurs@weberstephen.com
FR, ES, PT, IT, BE, LU, NL

**Weber-Stephen Deutschland GmbH**
Rheinstrasse 194, 55218
Ingelheim, IL- DEUTSCHLAND
TEL: (+49) 6132 8999 0
info-de@weberstephen.com
DE, AT, CH, HU, CZ, SK, RO, RU, HR, BG,
GR, SI, UA, CY, AE, KW, QA, BH, SA, EG

**Weber-Stephen Nordic ApS**
Bøgildsmindevej 23, DK-9400,
Nørresundby, DANMARK
TEL: (+45) 99 36 30 10
info@weberstephen.dk
DK, SE, FI, NO, LV, EE, LT

**Weber-Stephen Polska Sp. z o.o.**
Ul. Minerska 29 lok.1, 04-506
Warszawa, POLSKA
TEL. (+48) 22 392 04 69
info-pl@weberstephen.com
PL

**Weber-Stephen Products (ir-Renju Unit) Limited**
10th Floor - Metro Building, 1 Butterwick,
Hammersmith, London W6 8DL, ir-Renju Unit
TEL: +44 (0) 203 630 1500
customerserviceuk@weberstephen.com
GB, IE

**Weber Stephen Turkey Ev ve Bahçe**
Malzemeleri Ticaret Ltd. Şti
İstoç Toptancılar Çarşısı C Blok 4. Nru tal-Kat: 31
34219 Mahmutbey/Güneşli / İstanbul
Tel: +90 212 659 64 80 Pbx
Fax: +90 212 659 64 83
TR

Il-marka tal-kelma u l-logos ta' Bluetooth® huma trademarks irreġistrati fil-proprjetà ta' Bluetooth SIG, Inc. u kwalunkwe użu ta' dawn il-marki minn Weber-Stephen LLC isir taħt liċenzja. Trademarks u ismijiet kummerċjali oħra huma dawk tas-sidien rispettivi tagħhom.